Emenda 93
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn tiġi postposta sakemm iċ-ċittadin *mill*-pajjiż terz ikun irċieva kwalunkwe ħlas b'lura tar-remunerazzjoni dovuta lilu skond il-paragrafu 1(a).	4. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn tiġi postposta sakemm iċ-ċittadin *ta'* pajjiż terz ikun irċieva kwalunkwe ħlas b'lura tar-remunerazzjoni ***u ta' drittijiet finanzjarji oħrajn relatati max-xogħol dovuti*** lilu skond il-paragrafu 1(a).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet finanzjarji għandhom jinkludu kull dritt finanzjarju marbut max-xogħol.

Emenda 94
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinkuraġġixxu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li joħorġu minn sitwazzjonijiet ta' impjieg irregolari.

Or. it

Emenda 95
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li *min iħaddem li jaġixxi* fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji jista' wkoll***, *jekk ikun xieraq,*** ikun suġġett għal dawn il-miżuri:	8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li *dak li jimpjega u li jopera* fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji jista' wkoll ikun suġġett għal dawn il-miżuri:

Or. en

Emenda 96
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw ***li min iħaddem li jaġixxi*** fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji ***jista' wkoll, jekk ikun xieraq, ikun suġġett*** għal dawn il-miżuri:	8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li ***dawk li jimpjegaw li joperaw*** fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji ***għandhom, jekk ikun ġustifikabbli bil-gravità tas-sitwazzjoni jew bil-perċentwali ta' ċittadini ta' pajjiżi***

terzi impjegati illegalment, ikunu suġġetti għal dawn il-miżuri:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-gravità tas-sitwazzjoni għandha tkun il-kriterju determinant fil-każijiet kollha.

Emenda 97
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artiklu 8 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-esklużjoni *minn intitolament ta'* benefiċċji *pubbliċi*, għajnuna jew sussidji *sa* ħames snin;	(a) l-esklużjoni *mid-dritt għal* benefiċċji, għajnuna jew sussidji *pubbliċi*, ***inkluż finanzjament ta' l-UE mmaniġjat mill-Istati Membri,*** *għal mhux aktar minn* ħames snin;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-premessa 11, artikolu 8, punti a u c, għandu jkun konformi.

Emenda 98
Hubert Pirker

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-irkupru tal-benefiċċji *pubbliċi*, għajnuna, jew sussidji, inkluż il-finanzjament mill-UE ġestit mill-Istati Membri, mogħti lil min iħaddem matul ***it-***	(c) l-irkupru tal-benefiċċji, għajnuna, jew sussidji *pubbliċi*, inkluż il-finanzjament mill-UE ġestit mill-Istati Membri, mogħti lil min iħaddem matul ***il-perjodu tar-***

12-il xahar qabel ma jinkixef l-impjieg illegali;	***relazzjoni ta' impjieg jew, meta t-tul ta' dak il-perjodu ma jkunx magħruf, it-tul taż-żmien tar-relazzjoni ta' impjieg kif issupponut skont l-Artikolu 7, paragrafu 2(b);***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi ssodisfat il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri li jridu jiġu imposti għandhom ikunu mfassla għat-tul reali tar-relazzjoni ta' xogħol jew għas-suppożizzjoni li t-tul kien ta' sitt xhur.

Emenda 99
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal direttiva
Artiklu 8 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommessa l-infrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 100
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artiklu 8 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-għeluq temporanju*** jew permanenti ***ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommessa l-infrazzjoni***.	(d) ***Ir-revoka temporanja*** jew permanenti ***ta' liċenzja sabiex wieħed iwettaq l-attività ta' negozju kkonċernata, jekk ikun ġustifikabbli partikolarment bil-gravità tas-sitwazzjoni jew bin-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment u impjegati mill-persuna kkonċernata***.

Or. en

Emenda 101
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artiklu 8 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommessa *l-infrazzjoni*.	(d) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommessa *l-vjolazzjoni****, jew ir-revoka temporanja jew permanenti ta' liċenzja sabiex wieħed iwettaq l-attività ta' negozju kkonċernata***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-revoka ta' liċenzja għandha tkun possibbli wkoll.

Emenda 102
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta min iħaddem ikun subkuntrattur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur prinċipali u kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju jinżammu responsabbli li jħallsu:	***imħassar***
(a) kwalunkwe sanzjoni taħt l-Artikolu 6, u	
(b) kwalunkwe ħlas b'lura dovut taħt l-	

Artikolu 7.

2. Il-kuntrattur prinċipali u kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju għandhom taħt il-paragrafu 1 jinżammu responsabbli in solidum, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali rigward id-drittijiet ta' kontribuzzjoni jew rikors.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kemm il-"kuntratturi" kif ukoll is-"subkuntratturi" huma definiti bhala "min ihaddem". Għal din ir-raġuni dan l-Artikolu huwa superfluwu. Dawk kollha li jħaddmu għandhom jinżammu responsabbli għall-persuni li huma jħaddmu.

Emenda 103
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – part introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta min iħaddem ikun subkuntrattur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur prinċipali u kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju jinżammu responsabbli li jħallsu:	***imħassar***

Or. en

Emenda 104
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe sanzjoni taħt l-Artikolu	***imħassar***

6, u

Or. en

Emenda 105
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe ħlas b'lura dovut taħt l-Artikolu 7.	***imħassar***

Or. en

Emenda 106
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kuntrattur prinċipali u kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju għandhom taħt il-paragrafu 1 jinżammu responsabbli in solidum, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali rigward id-drittijiet ta' kontribuzzjoni jew rikors.	***imħassar***

Or. en

Emenda 107
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1 – part introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-*infrazzjoni* msemmija fl-Artikolu 3 tikkostittwixxi reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment, f'dawn iċ-ċirkustanzi:	1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-*vjolazzjoni* msemmija fl-Artikolu 3 tikkostittwixxi reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment, f'dawn iċ-ċirkustanzi***, u skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali***:

Or. el

Ġustifikazzjoni

Hemm ħtieġa ta' kjarifika minħabba li l-kwistjoni trid tiġi indirizzata fil-kuntest nazzjonali.

Emenda 108
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) *l-infrazzjoni* tkun fir-rigward ta' numru sinifikanti ta' ċittadini *minn* pajjiżi terzi ***mħaddma*** illegalment. Dan għandu jkun il-każ jekk għall-inqas erba' ċittadini *minn* pajjiżi terzi jitħaddmu illegalment;	(b) *il-vjolazzjoni* tkun fir-rigward ta' numru sinifikanti ta' ċittadini *ta'* pajjiżi terzi ***residenti*** illegalment ***li huma impjegati illegalment***. Dan għandu jkun il-każ jekk għall-inqas erba' ċittadini *ta'* pajjiżi terzi jitħaddmu illegalment;

Or. en

Emenda 109
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) *l-infrazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *minn* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment; jew	(c) *il-vjolazzjoni* tkun akkumpanjata minn ***abbużi, vjolenza, theddid, intimidazzjoni, trattament degradanti, diskriminazzjoni minħabba s-sess jew*** kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *meta mqabbla ma'* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment; or

Or. en

Emenda 110
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) *l-infrazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *minn* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment;	(c) *il-vjolazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ***u ta' paga*** *meta mqabbla ma'* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment;

Or. fr

Emenda 111
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) *l-infrazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol ***partikolarment*** abużivi, ***bħal*** differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *minn* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment; jew	(c) *il-vjolazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi ***bħall-vjolenza, it-theddid, l-intimidazzjoni u t-trattament degradanti u/jew*** differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *meta mqabbla ma'* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment; or

Or. en

Emenda 112
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) *l-infrazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *minn* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment; jew	(c) *il-vjolazzjoni* tkun akkumpanjata minn kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, bħal differenza sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol *meta mqabbla ma'* dawk li jgawdu minnhom l-impjegati mħaddma legalment***, inklużi l-vjolenza, it-theddid, l-intimidazzjoni jew it-trattament degradanti***; or

Or. en

Emenda 113
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-vjolazzjoni tirrigwarda ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment li huma minorenni.

Or. en

Emenda 114
Ona Juknevičienė

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-vjolazzjoni titwettaq minn persuna li timpjega persuna minorenni.

Or. en

Emenda 115
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li tiġi ppubblikata lista ta' persuni li jħaddmu li jiksru din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 116
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna legali li tinżamm responsabbli għal reat kriminali skond l-Artikolu 10 tkun *punibbli* b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali *u* mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra ***bħal:***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna legali li tinżamm responsabbli għal reat kriminali skond l-Artikolu 10 tkun *tista' tiġi kkastigata* b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali *jew* mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra ***applikabbli skont din id-Direttiva għall-persuni fiżiċi.***

Or. en

Emenda 117
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artiklu 13 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-esklużjoni minn intitolament għal benefiċċji jew għajnuna pubbliċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 118
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artiklu 13 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-esklużjoni *minn intitolament* għal benefiċċji jew għajnuna pubbliċi;	(a) l-esklużjoni *mid-dritt* għal benefiċċji jew għajnuna pubbliċi, ***inkluż finanzjament ta' l-UE, anke jekk immaniġġjat mill-Istati Membri***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test għandu jkun konformi mat-test tal-artikolu 8.

Emenda 119
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artiklu 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni f'kuntratt pubbliku sa ħames snin;	***imħassar***

Or. en

Emenda 120
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet agrikoli, industrijali jew kummerċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 121
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artiklu 13 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tqegħid taħt sorveljanza ġudizzjarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 122
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artiklu 13 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ordni ġudizzjarja ta' stralċ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 123
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom iċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi impjegati illegalment ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra min iħaddimhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom iċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi impjegati illegalment ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra min iħaddimhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi ***u b'mod kunfidenzjali***.

Or. en

Emenda 124
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom iċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi impjegati illegalment ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra min iħaddimhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom iċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi impjegati illegalment ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra min iħaddimhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi***, u kull min isir jaf b'xi każ ta' impjieg illegali jista' jirrapporta dan lill-awtoritajiet kompetenti***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Informazzjoni importanti tista' tingħata wkoll minn persuni li mhumiex ċittadini ta' pajjiżi terzi mħaddma illegalment, bħal persuni oħra li jħaddmu.

Emenda 125
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li entitajiet legali, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u korpi oħra bħat-trejdjunjins, li għandhom, skont il-kriterji stipulati fil-liġi nazzjonali rilevanti, interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jistgħu, jew f'isem ċittadin ta' pajjiż terz impjegat illegalment jew

b'appoġġ għalih, jintervjenu f'kull proċedura ġudizzjarja, amministrattiva u/jew kriminali stipulata bl-objettiv tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 126
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Persuni li jiddenunzjaw każijiet ta' impjieg illegali għandhom jingħataw protezzjoni legali minn kull miżura inġusta li tista' tittieħed b'konsegwenza ta' dik id-denunzja.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm implimentazzjoni effettiva ta' din id-direttiva, iridu jiddaħħlu miżuri li jipproteġu 'l kull min jiddenunzja impjieg illegali sabiex jitħarsu kontra kwalunke miżura meħuda b'konsegwenza ta' dik id-denunzja.

Emenda 127
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, taħt ċerti kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti	***imħassar***

nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.

Or. en

Emenda 128
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *taħt ċerti* kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat***,** ***marbutin mat-tul tal-proċedimenti nazzjonali rilevanti,*** liċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.	3. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *skont il*-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE, jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat ***u aċċess għas-suq tax-xogħol legali*** liċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.

Or. en

Emenda 129
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *taħt ċerti* kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti	3. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *skont il*-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE*,* ***jkunu jistgħu*** jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat, marbutin mat-tul tal-

nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.	proċedimenti nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Din għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri sabiex jiġi evitat li jkun hemm irregolaritajiet.

Emenda 130
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *taħt ċerti* kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom.	(3) Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom, *skont il*-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE*,* jagħtu permessi ta' residenza ta' tul limitat, marbutin mat-tul tal-proċedimenti nazzjonali rilevanti, liċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi li huma jew li kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi u li jikkooperaw fi proċedimenti kontra min iħaddimhom***,** ***kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 2.

Emenda 131
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fir-rigward tal-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom, skont il-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 15 tad-Direttiva 2004/81/KE, jagħtu permessi ta' residenza ta' mhux anqas minn sitt xhur lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għalihom, sabiex jiġi ffaċilitat it-tiftix għax-xogħol, għall-edukazzjoni u/jew għat-taħriġ professjonali.

Or. it

Emenda 132
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Partijiet terzi magħżula
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li entitajiet legali, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet oħra bħat-trejdjunjins, li għandhom, skont il-kriterji stipulati fil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati, jistgħu, jew f'isem ċittadin ta' pajjiż terz impjegat illegalment jew b'appoġġ għalih, jintervjenu f'kull proċedura ġudizzjarja, amministrattiva u/jew kriminali stipulata biex jiġu infurzati l-objettivi ta' din id-Direttiva.
	2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din

id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jimponu sanzjonijiet kontra partijiet terzi magħżula li jipprovdu għajnuna lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fuq il-bażi tal-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata.

Or. en

Emenda 133
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***għall-inqas 10% tal***-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom ***kull sena jkunu*** suġġetti għal spezzjonijiet biex jiġi kkontrollat l-impjieg illegali taċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-*** kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom ***ikunu*** suġġetti għal spezzjonijiet ***regolari, effettivi u adegwati*** biex jiġi kkontrollat l-impjieg illegali taċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi. ***Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru fil-qafas ta' attivitajiet oħra ta' spezzjoni, bħall-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 134
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas 10% tal-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom kull sena jkunu suġġetti għal spezzjonijiet biex jiġi kkontrollat l-impjieg illegali taċ-ċittadini	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas ***4% u mhux aktar minn***10% tal-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom kull sena jkunu suġġetti għal spezzjonijiet biex jiġi kkontrollat l-impjieg

minn pajjiżi terzi.	illegali taċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 135
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas ***10%*** tal-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom kull sena jkunu suġġetti għal spezzjonijiet biex jiġi kkontrollat l-impjieg illegali taċ-ċittadini *minn* pajjiżi terzi.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas ***3%*** tal-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom kull sena jkunu suġġetti għal spezzjonijiet biex jiġi kkontrollat l-impjieg illegali taċ-ċittadini *ta'* pajjiżi terzi.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-ispezzjoni ta' 10% ta' min iħaddem huwa objettiv ambizzjuż iżda mhux realistiku. Figura ta' 3% tkun aktar viċin tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 136
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera kumpannija u kwalunkwe rekord ta' *infrazzjoni* fil-passat.	2. L-għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq ***softwer ta' għażla każwali u mbagħad fuq*** valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera kumpannija u kwalunkwe rekord ta' *vjolazzjoni* fil-passat.

Or. en

Emenda 137
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera kumpannija u kwalunkwe ***rekord ta' infrazzjoni fil-passat***.	2. L-għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera kumpannija u kwalunkwe ***data dwar vjolazzjonijiet pendenti jew passati***. ***Dawn il-fatturi kollha se jiġu rriveduti fuq bażi regolari.***

Or. el

Emenda 138
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 jkunu bla ħsara għal spezzjonijiet ta' impjieg li jsiru biss biex jiġu evalwati l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni partikolari għal evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tas-saħħa, ikun xi jkun l-istejtus tal-ħaddiem. Għandha ssir distinzjoni ċara bejn l-ispezzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu u l-ispezzjonijiet li jikkonċernaw l-immigrazzjoni.

Or. en

Emenda 139
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	In-non-rigressjoni
	L-ebda dispożizzjoni ta' din id-direttiva ma tista' tiġġustifika tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni diġà mogħti mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi vulnerabbli fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 140
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 17] l-iktar tard, u kull tliet snin wara din id-data, l-Istati Membri għandhom *jittrażmettu* informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' rapport li għandu jinkludi n-numri u r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond l-Artikolu 15 u d-dettalji ta' miżuri applikati *taħt* l-***Artikolu*** 8.	Sa [Tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 17] l-iktar tard, u kull tliet snin wara din id-data, l-Istati Membri għandhom *jgħaddu* informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' rapport li għandu jinkludi n-numri u r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond l-Artikolu 15 u d-dettalji ta' miżuri applikati *skont* l-***Artikoli 7,*** 8 ***u 14***. ***L-Istati Membri għandhom iressqu wkoll, sa l-istess skadenza, studji dwar l-impatt tal-miżuri meħuda biex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat.***

Or. fr

Emenda 141
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri, meta jsir l-ewwel rapport, għandhom jippreżentaw ukoll evalwazzjoni ta' kwalunkwe effetti li kellha l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza legali kif ukoll fuq iċ-ċittadini u r-residenti li ġejjin minn minoranzi etniċi.

Or. en

Emenda 142
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fil-każ tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-Artikolu 15(1) għandu jidħol fis-seħħ 48 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Billi r-Rumanija u l-Bulgarija għad mhumiex pajjiżi destinatarji għall-migranti ekonomiċi, l-impjieg illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mhuwiex fenomenu kbir hemmhekk. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva twassal għal żieda sostanzjali fl-isforz finanzjarju u fir-riżorsi umani involuti, li fil-kundizzjonijiet attwali tkun sproporzjonata u ta' piż kbir wisq.